Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,389, 7 ta' Frar, 2025

Taqsima B

A.L. 29 tal-2025

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2025 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2024)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2025 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2024) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2024), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regoli prinċipali". L.S. 123.197.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Temenda r-regola 1 tar-regoli prinċipali.

2. Fir-regola 1 tar-regoli prinċipali l-kliem "(2020-2024)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(2020-2025)".

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

3. Fir-regola 2 tar-regoli prinċipali t-tifsira "sena rilevanti" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "sena rilevanti" tfisser is-sena kalendarja 2020, 2021, 2022, 2023, 2024 jew 2025;".